MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2011

Numru. 559/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edel Mary Camilleri]**

**vs**

**Janbul Ibrahim**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Janbul Ibhrahim detentur tan-numru tal-pulizija 08EE-18.

Akkuzat talli:
Fl-2009, u fix-xhur ta' wara, f'Malta, imbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur tal-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiett ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 28 tal-Kap. 217.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni tant li ta informazzjoni valida a rigward min ghenu minn barra minn Malta, qeghda ssib lill-imputat Janbul Ibrahim hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qeghda tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------